# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .

### Avviz numru : 27/97G2(PC)

**Anthony Muscat .**

**vs**

**Aronne sive Ronnie Muscat .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat li prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut responsabbli ghall-incident stradali illi gara fit-23 ta' Lulju 1996 f'Racecourse Street, Nadur, bejn il-vettura L 7530 misjuqa minn u proprjeta' tal-attur u l-vettura H 5044 misjuqa minnek konvenut minhabba imprudenza traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; u previa wkoll id-dikjarazzjoni illi l-konvenut ghaldaqstant tenut twiegeb ghad-danni sofferti mill-istess attur per konsegwenza tal-istess incident, u prevja il-likwidazzjoni tal-istess il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-attur dawn id-danni kif likwidati .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Dicembru 1996 u tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenut; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :**

**It-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident mertu tal-istess avviz gara unikament htija tal-attur minhabba mprudenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.**

**Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-partijiet .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li sehhet bejn zewg vetturi misjuqa fl-istess direzzjoni mill-kontendenti fi Triq it-Tigrija, in-Nadur . Il-partijiet jaghtu verzjonijiet kemm xejn konfliggenti dwar kif sehhet din il-habta, u ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tara liema wahda hija l-aktar verosimili fic-cirkostanzi sabiex imbaghad tkun tista' tistabilixxi d-dinamika ta' l-incident u b'hekk tirrizulta l-htija ghall-istess incident .**

***A tempo vergine* l-partijiet spjegaw x'gara lis-surgent li nvestiga l-kaz bil-mod segwenti ;**

**"Ronnie Muscat qal li kien qed isuq b'velocita' moderata lejn Triq il-Knisja . Quddiemu kien hemm truck Pick-Up wieqaf jistenna karozza gejja mill-faccata u ma' gembu Mini Minor pparkjata . F'daqqa wahda t-truck qala' bil-mod u sehhet il-habta . Mill-banda l-ohra Anthony Muscat, ix-xufier tat-truck Pick-Up L-7530 qal li waqqaf il-vettura tieghu peress li kienet gejja vettura ohra mid-direzzjoni opposta u fuq iz-zewg nahhat tat-triq kien hemm zewg karozzi ipparkjati . F'daqqa wahda giet il-karozza Marina minn wara u habtet fil-gemb tat-truck."**

**Fid-depozizzjoni taghhom fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, l-partijiet elaboraw fuq il-verzjoni li kienu taw lis-surgent . L-attur spjega illi huwa kien maqlugh ghan-nofs tat-triq billi fuq il-gemb tax-xellug kien hemm truck ibiegh il-hut, u hu kellu jaqla' 'l barra biex jevita li jolqot xi nies milli kien hemm migbura madwar it-truck .**

**Il-konvenut donnu biddel xi ftit mill-verzjoni li kien ta lill-Pulizija ghax sostna illli t-truck ta' l-attur x'aktarx qala' minn pozizzjoni ipparkjata fuq in-naha tal-lemin tat-triq minn quddiem il-Mini Minor li tidher ipparkjata wkoll fuq dik in-naha tat-triq u genneb ghax-xellug sakemm baqa' diehel go l-karozza tieghu .**

**L-iskizz redatt mis-surgent Anton Schembri u esebita fol. 14 tal-process jindika z-zewg vetturi nvoluti f'din il-kollizjoni f'nofs Racecourse Street, angolati lejn ix-xellug ; il-Marina tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni H-5044 u t-truck ta' l-attur bin-numru L-7530 . Tidher wkoll il-van E-9537 ipparkjata fuq il-gemb tax-xellug. Din kienet proprju il-van imsemmja mill-attur minn fejn kien qed jinbiegh il-hut . Fuq in-naha l-ohra tidher il-Mini Minor pparkjata . Il-karozza l-ohra msemmija miz-zewg partijiet u li kienet gejja mid-direzzjoni tar-Rabat ma tidhirx fuq li skizz . Din presumibilment baqghet ghaddejja minn bejn il-pick Up ta' l-attur u l-Mini Minor wara l-habta . Il-hsarat fuq it-truck ta' l-attur gew indikati fuq in-naha tax-xellug tat-truck, mifruxa minn-nofs sa quddiem . Tal-konvenut huma koncentrati fuq il-gemb tal-lemin ta' quddiem . Jidhru wkoll *brake marks* qosra interrotti taht ir-roti tal-lemin tal-karozza tal-konvenut .**

**Ghalkemm l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut fid-depozizzjoni tieghu, u cioe' li l-attur kien ipparkjat u gibed ghax-xellug tat-triq x'hin ra l-karozza l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta, hija wahda plawsibbli, l-Qorti issibha difficcli li temminha, gialadarba hija verzjoni totalment differenti minn dik li ta l-istess konvenut lill-Pulizja *a tempo vergine* u ma kien hemm xejn xi jzommu milli jaghti l-istess spjegazjzoni lill-Pulzija mmedjatament wara l-habta, kieku din kienet tassew il-verita' . Minn naha l-ohra il-kontendenti qablu fuq il-parti l-kbira ta' l-fatturi li ndikaw lis-surgent fuq il-post ta' l-incident. Hekk insibu li t-tnejn qalu li l-attur kien wieqaf jistenna l-karozza l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta tghaddi . Qablu wkoll illi kien hemm il-Mini Minor ipparkjata fuq il-lemin tat-triq . Il-konflitt bejniethom huwa fis-sens illi, filwaqt illi l-konvenut jghid li l-attur kien quddiemu u x'hin ghaddiet il-korzzoa l-ohra, gibed ghal fuqu u baqa' diehel go fih, l-attur isostni li l-konvent gie minn warajh u habat fil-gemb tat-truck tieghu .**

**Il-Qorti ssibha difficli ukoll taccetta l-verzjoni li ta l-konvenut lill-Pulizjja . Dan ghaliex ma ta ebda spjegazzjoni dwar kif l-attur, li suppost kien wieqaf quddiemu, seta' dahal gol-karozza tieghu kemm-il darba huwa ma baqghax ghaddej biex gie ma' gemb in-naha tax-xellug tat-truck ta' l-attur . Jidher ghalhekk illi l-habta sehhet billi l-konvenut ipprova jaqla' l-attur minn gewwa, kif rah wieqaf biex tghaddi l-karozza l-ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta . Imma hekk kif l-attur rega' qala' biex ikompli ghaddej u genneb ghax-xellug, biex ma jibqghax ta' ostakolu ghal xi karozzi ohra li setghu jitfaccaw mid-direzzjoni tar-Rabat, sab il-karozza tal-konvenut li baqghet diehla go fih . Infatti jirrizulta mill-kwalita' ta' danni subiti fit-truck ta' l-attur (minn-nofs il-bieba tax-xellug tat-truck sal-parafangu ta' quddiem), illi kienet il-karozza ta' l-attur li dahlet go fih u mhux vice-versa . Ma jista' jkollu ebda htija l-attur li ipprova jgenneb ghax-xellug biex jerga' jidhol fil-*lane* proprju tieghu. Qatt ma setgha' basar li kien ser ikun hemm xi hadd gej minn warajh, kif del resto ammetta l-konvenut stess, li jipprova jaqilghu minn gewwa . Jidher ghalhekk illi ghal din il-kollizjoni jahti unikament il-konvenut li kiser regola elementari fis-sewqan illi qatt ma ghandu wiehed jipprova jaqla' karozza ohra miexja fl-istess direzzjoni minn naha ta' gewwa (ara Rule 72 Highway Code) .**

**Rigward l-ispejjez kkagunati fit-truck ta' l-attur, gew ipprezentati zewg ircevuti ghal *spare parts* u *surveyor's report* dwar l-ispejjez tat-tiswija (Dokt. AM 1, AM 2 u AM 3 a fol. 34 - 36 tal-process) . Dawn igibu total ta' Lm392.68 . L-ammont involut ma giex ikkontestat mill-konvenut, u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettah bhala li jirraprezenta verament l-ispejjez totali involuti fit-tiswija tal-vettura ta' l-attur .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz,**

**tillikwida d-danni kagunati fil-vettura ta' l-attur fis-somma ta' tlett mija tnejn u disghin lira maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm392.68) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din l-istess somma lill-attur .**

**Bl-isepjjez kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini .**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

Si2797Pc